MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2003

Numru 152/2003

**Il-Pulizija**

**Spettur Pio Pisani**
**V**

**ISMAEL HABESH**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ISMAEL HABESH** ta' tnejn u tletin sena bin Omar u Bornija nee Gduri, imwieled Tripoli nhar l-ewwel ta' Jannar 1971 u residenti Joanne Flats, Flat 3, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta detentur tal-karta tal-identita numru 0015771M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer u cioe fi Triq l-Wiehed u Ghoxrin ta' Settembru, Mosta, nhar t-tmienja ta' Frar 2003 ghall-habta tal-ghaxra w nofs ta' bil-lejl:

1. Ikkommetta serq ta' radio casette tal-marka Kenwood li jammonta ghal mija u hamsin lira

maltin, camera tar-ritratti tal-marka Olympus li tiswa mitt lira maltin, ta' Plug in Saver Mobile Charger li jiswa hmistax il-lira maltin minn karozza numru POG 111, tal-marka Mazda MX5, liema serq huwa aggravat bil-ksur, bil-mezz, bil-hin, bil-lok u bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u li sar ghad-dannu ta' Andrew Said detentur tal-karta tal-identita numru 039771M;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe karozza numru POG 111, tal-marka Mazda MX5 ghad-dannu ta' Andrew Said detentur tal-karta tal-identita numru 039771M liema hsara ma tiskorrix l-hames mitt lira imma hija izjed minn hamsin lira maltin;

3. Talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi hedded lil Andrew Said li kellu sikkina;

4. Talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi dahal f'karozza numru POG 111 proprjeta ta' Andrew Said detentur tal-karta tal-identita numru 039771M b'wiehed mill-mezzi imsemmija fl-artikoli 264, 265 u 266, ghalkemm ma jkun hemm ebda prova ta' att li jikkostitwixxi attentat ta' reat iehor, l-akkuzat Ismael Habesh ghal fatt biss tad-dhul f'din il-karozza li f'dawn ic-cirkostanzi kien jidher car li l-hsieb li kien ta' serq.

5. Talli huwa persuna recidiva wara li gie kkundannat ghal reati b'sentenzi li saru definittivi u ghamel reat iehor.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta’ Andrew Said jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena applikabbli ghal dan ir-reat, torbot lil Ismael Habesh b’obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi iffissata mill-Qorti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 12 ta’ Marzu, 2003 esebit fl-atti a fol 23 immarkat bhala dokument CSH sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-erbatax ta' Ottubru, 2003.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi ai fini ta' piena l-Qorti qieset s-segwenti fatturi bhala cirkostanzi specjali li jimmitigaw favur l-imputat sabiex il-Qorti ma tapplikax piena karcerarja.

1. Illi l-imputat ghamel tajjeb ghall-hsarat kollha sofferti minn Andrew Said, il-vittma f'dan il-kaz, billi kif jirrizulta mill-verbal tal-Prosekuzzjoni datat 12 ta' Novembru, 2003 huwa hallsu s-somma ta' LM 225 u ghaddielu stereo gdid tal-ghamla Pioneer.
2. Illi semghet lill-Prosekuzzjoni tghid fl-istess seduta tat-12 ta' Novembru, 2003 li Said ma ghandu l-ebda pretenzjoni ulterjuri kontra l-imputat.
3. Illi l-imputat illum m'ghadux fi triq ta' kriminalita` skond id-dikjarazzjoni tal-istess ufficjal prosekutur u in effetti biddel hajjtu, sab impieg regolari u qed jghix hajja ta' bzulija.
4. Illi s-socjeta` in generali ma soffriet l-ebda danni materjali.

5. Il-koperazzjoni totali tal-imputat fl-investigazzjoni odjerna u dan sa mill-bidu nett li bdew il-proceduri.
6. L-ammissjoni tieghu bla riserva registrata fl-atti.

Huwa minnu li l-imputat ghandu fedina penali refrettarja pero fid-dawl tas-suespost u ta' dak li gie rilevat mill-Ufficjal Prosekutur, il-Qorti thoss li ghandha tkun klementi mal-imputat odjern.

F'cirkostanzi bhal dawn il-Qorti kienet tkun ferm aktar kuntenta li taghti sentenza ta' prigunerija sospiza pero stante li l-imputat huwa recidiv din it-tip ta' piena mhix permessa mill-ligi.

**Konsegwentement il-Qorti wara li rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u cioe` l-artikoli 49, 50, 261, 263, 264, 267, 269, 270, 330 (a), 325 (b), 339 (e), 383, 385, 387 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib l-imputat hati tal-akkuzi kollha u tikkundannah multa ta' tlett mitt lira Maltin.**

**Ai termini tal-artikolu 14 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed taghti l-fakulta` lill-imputat sabiex ihallas il-multa inflitta f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin bl-ewwel pagament huwa dovut sa mhux aktar tard mit-tletin ta' Novembru, 2003.**

**Oltre dan tobbliga lill-imptuat taht penali ta' mitt lira Maltin fin-nuqqas ghall-perjodu ta' sena li ma jimmolestax, ma jingurjax u ma jheddidx lil Andrew Said.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------